MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2008

Numru. 1277/2007

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR ANGELO GAFA'**

**KONTRA**

**AIMEN EL GHANEMI ta' 25 sena, bin Mabruk u Mikalina, imwieled Tripli, Libja nhar it-3 ta' April, 1983, residenti fil-fond Block H, Flat 6, Triq Patri Gustin Sant, Santa Venera, detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 199403L;**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imsemmi Aimen El Ghanemi, akkuzat talli:

1. F'dawn il-Gzejjer, f'xi perjodu bejn Mejju 2006 u Lulju 2006, wieghed, ta jew offra, b'mod dirett jew indirett, xi vantagg mhux xieraq lil xi persuna, li asserixxiet jew ikkonfermat li kienet kapaci taghmel xi influwenza mhux

xierqa fuq il-mod kif teddieci xi persuna ohra, sabiex iggieghel lil dik l-istess persuna tezercita dik l-influwenza;

2. U aktar talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, b’mezzi kontra l-Ligi jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqeda b’qerq iehor, ingann jew billi wera haga b’ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh ghad-dannu ta’ l-Awtorita’ dwar it-Trasport ta’ Malta (ADT).

Rat li gie ezebit il-Kunsens tal-Avukat Generali ghal proceduri sommarji;
Rat l-ammissjoni bikrija tal-imputat, li giet ikkonfermata fis-seduta ta’ nhar il-25 ta’ Gunju, 2008
Rat l-atti kollha tal-kawza;
Semghet it-trattazzjoni tal-Ufficjal Prosekutur fejn iddikkjara li l-imputat ikkopera bis-shih mal-pulizija u li mhux ufficjal tal-ADT

Ikkunsidrat:

Ghaldaqstant din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmi imputat Aimen El Ghanemi hati tal-akkuzi hekk kif dedotti kontrieh, u dan wara li rat l-Artikoli 308, 310, u 17 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, izda tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn(2), ai termini tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------